MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 397/2010

**Citadel Insurance Plc**
**Vs**
**Justine Cassar Gasper et**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Marzu, 2010 fejn is-socjeta' attrici talbet is-somma ta' tlett elef tlett mija u erbgha u disghin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€3,394.83) liema somma tirraprezenta sorte, imghax, drittijiet u spejjez gudizjarji li hallset is-socjeta' rikorrenti favur *Atlas Insurance* a tenur tal-Kap 104 tal-ligijiet ta'Malta in segwitu award ta' nhar il-25 ta' Mejju, 2007 f'arbitragg bejn l-istess *Atlas Insurance* u l-intimata Justine Cassar Gasper u s-socjeta' rikorrenti. L-arbitragg kien dwar incident stradali li sehh fil-5 ta' Ottubru, 2006 u li ghalih, permezz ta' l-*award* imsemmi, l-intimata Justine Cassar Gasper li kienet qed issuq vettura proprjeta ta' Raymond Avallone u assikurata mas-socjeta' attrici, instabet unikament resposabbli.

Illi l-intimata Justine Cassar Gasper, kienet qeghda ssuq il-vettura msemmija fil-paragrafu suespost meta ma kellhiex kopertura assikurattiva stante illi l-polza ta'

assikurazzjoni relattiva, mahruga mis-socjeta' rikorrenti favur l-intimat Raymond Avallone kellha inter alia limitazzjoni fis-sens li l-istess vettura ma setghetx tinstaq minn persuna that il-hamsa u ghoxrin sena (25 sena), u fid-data tal-incident in kwistjoni l-intimata Justine Cassar Gasper kellha inqas minn hamsa u ghoxrin (25) sena.

Illi l-intimati gew interpellati sabiex jaghmlu l-hlas relattiv, anke permezz ta' ittra legali tat-12 ta' Gunju, 2008 izda baqghu inadempjenti. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez gudizzjarji , inkluz dawk tal-ittra legali tat-12 ta' Gunju, 2008, u bl-imghax legali minn dakinhar li s-socjeta' rikorrenti ghamlet il-hlas favur is-socjeta' *Atlas Insurance* sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra l-intimati jew min minnhom.

Illi b'risposta pprezentata fil-5 ta' April, 2010 il-konvenuta Justine Cassar Gaspar eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-konvenut ma ghandhiex tinzamm responsabbli ghar-rimbors ta' l-ammont pretiz mis-socjeta attrici' u dan peress illi hija kienet sempliciment klijenta tal-konvenut l-iehor Raymond Avallone, li minghandu hija kriet vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABM 224. L-istess Avallone kie jaf illi l-esponenti kien ghad ma kellhiex hamsa u ghoxrin (25) sena kif ukoll kien jaf li hija kienet qed tikri l-istess vettura sabiex issuqha hi stess. Dana peress illi din ma kinitx l-unika okkazzjoni li fiha l-istess esponenti kriet vetturi minghand Avallone ghall-uzu personali taghha. Ghalhekk, kien jinkombi fuq Avallone li jikri vettura lil esponenti li kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni li tkopri sewwieqa  ta' taht il-hamsa u ghoxrin (25)sena. Tali nuqqas ma jista bl-ebda mod jigi attribwit lill-esponenti u ghaldaqstant ghandu jkun l-isess Avallone li jigi mizmum responsabbli ghal hlas tal-ammont mertu ta' dan l-avviz.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ghandha informazzjoni li r-ragel taghha Saber Elkekli li minnu hija *separate de facto* kien sostna maghha li huwa kien gia hallas lil Avallone l-mizata ta' l-*excess* fuq struzzjonijiet ta' l-istess Avallone bl-intendiment car li permezz ta' dan il-hlas, l-istess Avallone kellu jirrimedja l-vertenza u jithallsu l-partijiet koncernati.

Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, hemm kuntratt ta’ separazzjoni ta’ l-assi vinkolanti bejn l-esponenti u zewgha Saber Elkekli bid-data tal-4 ta’ Frar, 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani, li permezz tieghu l-esponenti u zewgha ftehmu li l-ammont pretiz konsegwenti ghal dan l-incident stradali ghandu jigi assenjat lil Saber Elkekli.

Salv risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Il-konvenut l-iehor Raymond Avallone minkejja li debitament notifikat baqgha la deher u lanqas ipprezenta risposta ghat-talbiet kontrih.

Xehdet Philippa Taylor East prodotta mis-socjeta' attrici li tghid illi hija tahdem bhala *Legal Affairs Executive* mas-socjeta' attrici. Is-socjeta' attrici kinet assikurattirici tal-vettura ABM 224 li hija proprjeta ta’ Raymond Avalloneu. Fis-sena 2006 il-vettura kienet involuta f’incident stradali u permezz ta’ *arbitration* award bid-data 25 ta’ Mejju, 2007 il-konvenuta Justine Cassar Gaspar keinet instabet unikament responsabbli ghall-incident de quo. Ghalhekk Citadel Insurance kellha thallas lil *Atlas Insurance* l-ammont ta’ tlett ele tlett mija u erbgha u disghin ewro u tlieta u tmenin centezmu a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fiz-zmien tal-incident pero Justine Cassar Gasper ma kienitx koperta bil-polza li hargitilha Citadel Insurance u b’hekk gie li l-assikurat Raymond Avallone kiser il-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva. Huwa ghalhekk illi s-socjeta' attrici qed titlob minghand il-konvenuti l-ammont illi hallset lil Atlas Insurance u dan il-hlas sar ai termini tas-subartiklu tal-proviso tas-subartiklu 1 tal-Artiklu 12 tal-Kap 104. Il-hlas qed jintalab in solidum bejn il-konvenuti.

In kontro ezami din ix-xhud spjegat illi l-vettura misjuqa minn Justine Cassar Gaspar kienet koperta biex tinstaq biss minn persuni ‘l fuq minn hamsa u ghoxrin (25) sena. Qalet ukoll illi Raymond Avallone ma ghamilx claim u l-insurance saret taf bl-incident wara li rceviet kopja tar-rapport tal-wardens. Mistoqsija jekk l-insurance kinitx taf bl-arbitragg tghid illi iva l-insurance kienet taf bl-arbitragg u li kienet parti fih pero ma jidhrilhiex illi assumew id-difiza u lanqas gabu provi. Mistoqsija jekk kinux tellghu lil Raymond Avallone bhala xhud tghid illi ma tellghuhx. Mistoqsija jekk l-insurance attrici haditx passi kontra

Raymond Avallone u cioe jekk irtiratx l-assikurazzjoni tghid illi Raymond Avallone tlett snin wara l-incident ghad ghandu vetturi inxurjati maghhom.

Permezz ta’ affidavitipprezentat fl-20 ta’ Ottubru, 2011 xehdet il-konvenuta Justine Cassar Gasper li qalet illi hi u r-rage taghha Saber Eklekli kienu klijenti ta’ Ray’s Car Hire. Kemm il darba marru ghandu biex jikru karrozza u dan meta jkollhom bzonnha minhabba li l-vettura taghhom kienet tkun ghat-tiswija jew kienet ser tasal vettura gdida li akkwistaw. Ix-xhud dejjem marret ma zewgha ghand Avallone u kienu jaghmluhilu cara li l-karrozza kienet qed tinkera biex tinstaq kemm mix-xhud kif ukoll minn zewgha. Hu qatt ma oggezzjona ghal dan jew infurmaha li ma setghetx issuq il-vettura.

Meta kienet issir il-kirja d-dokumenti relattivi kienu jigu ffirmati kemm mix-xhud kif ukoll minn zewgha u l-konvenut l-iehor Avallone kien anki hadilhom fotokpja tal-karta tal-identita taghhom it-tnejn. Kemm il-darba kienet tirritorna l-karrozza lura ghand Raymond Avallone kienet tkun Justine Cassar Gaspar illi tkun qed issuq din il-vettura u ghalhekk Raymond Avallone kien jaf li Justine kienet tkun qed issuq il-vetturi mikrija.

F’okkazzjoni minnhom il-konvenuta Justine Cassar Gaspar kellha incident stradali f’Rahal Gdid u meta marret biex taghmel ir-rapport infurmawha illi l-vettura li kienet qed issuq ma kienitx wahda koperta bir-rekwizit permess ghal-kiri. Di fatti ma kellhiex l-ittra ‘K’ fin-numru tar-registrazzjoni taghha.

Wara l-konvenuta kienet involuta f’incident iehor f’Hal Lija u wara li l-*wardens* ghamlu r-rapport marret biex thallas il-*claim* ghand Raymond Avallone fl-ammont ta’ mija u hamsin lira maltija (Lm150). Suppost kollox kien issetiljat min-naha taghna. Din ix-xhud tichad l-allegazzjoni li Raymond Avallone ma kienx jaf li hi kienet qed issuq il-vettura tal-kiri peress illi kien jaraha huwa stess issuq meta tirritorna l-karrozza jew meta kien jghatiha c-cwievet.

Mistoqsija in kontro ezami dwar it-termini u kundizzjonijiet tal-kirja, ix-xhud tghid illi l-karta li kinet tiffirma u tinghata kien ikollha biss dettalji tal-vettura bhal *number plate*, *data*, rata tal-gurnata u *diagram* biex tigi spezzjonata l-vettura ghal xi daqqiet.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati jikkunsidra illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed titlob li tigi rimborzata l-ammont mitlub minhabba illi kellha thallasu wara li giet hekk ordnata permezz ta’ award. Dan l-award qatt ma gie pprezentat quddiem it-Tribunal pero t-Tribunal kellu kopja tac-cekk li bih thallsu l-Atlas Insurance. Pero dan l-ammont qed jitolbu li jigu rimborzati tieghu peress illi l-konvenut Raymond Avallone kiser il-kundizzjonijiet tal-polza tal-assikurazzjoni. Dwar dan il-konvenut Avallone baqa kontumaci u la deher u wisq iktar ipprezenta risposta jew provi biex jikkontradici dak li allegat is-socjeta' attrici. Kien dan il-konvenut illi fil-fehma tat-Tribunal kiser il-kundizzjonijiet li kien marbut bihom mas-socjeta' attrici meta kera vettura lil persuna taht il-hamsa u ghoxrin (25) sena u ta vettura li tista tinstaq minn persuni li ghalqu l-hamsa u ghoxrin (25) sena. Dan meta l-konvenuta tghid illi tghatu kopja tal-karta tal-identita meta marret ghall-kirja. Il-konvenuta Avallone ma ressaqx provi biex jikkontradixxi dan li ntqal u ghalhekk mit-Tribunal qed jitqies bhala veritier.

Min-naha l-ohra l-konvenuta Justine Cassar Gaspar gabet il-provi taghha u qabel il-erzjoni taghha. Liema verzjoni t-Tribunal jemmen u jqisha veritiera. Inoltre ma kien hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta attrici u l-konvenuta Justine Cassar Gaspar u ghalhekk ma setghetx tikser kundizzjonijiet ghaliex ma nghatatx kundizzjonijiet mis-socjeta attrici. Se mai setgha jfittixha l-konvenut Avallone jekk naqset milli ttih informazzjoni dwar l-eta taghha.

Minkejja dan it-Tribunal jinnota mix-xhieda ta’ l-avukat Dr Philippa Taylor East illi din qalet illi s-socjeta' attrici ma gabet ebda provi jew xhieda fl-arbitragg minkejja li kienu jafu bih u sahansitra kienu parti f’dan l-arbitragg. Jidher ghalhekk illi l-*insurance* ma ghamlitx dak kollu possibli ghaliha biex timminima l-ispejjez jew sahansitra r-responsabbilta f’dan l-arbitragg.

It-Tribunal iqis dan l-agir da parti tas-socjeta' attrici bhala rresponsabbli u li kkontribwixxa lejn l-award li qed jinghad li nghata.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddecidi billi l-ammont mitlub inaqqsu bin-nofs fejn is-socjeta' attrici

ghandha tbati l-ammont ta’ elf sebgha mija u sebgha u erbghin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€1,747.42) filwaqt illi l-istess ammont ta’ ta’ elf sebgha mija u sebgha u erbghin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€1,747.42) ghandu jithallas mill-konvenut Raymond Avallone lis-socjeta' attrici. Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

l-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut Raymond Avallone

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------